# TRIBUNAL TA' ARBITRAGG
# DWAR IL-QSIM TA' WIRT

**ARBITRU**

**DOMINIC A. CASSAR LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-gimgha 18 ta' Settembru 2020**

**Rikors numru 1/2007**

**(Gia Rikors Guramentat numru 496/06GCD_**

**Louis Abdilla**

**vs**

**MaryAnne Abdilla u Natalizia sive**
**Nathalie Camilleri, mart Salvu Camillieri**

**It-Tribunal,**

Ra ir-Rikors Guramentat illi permezz tieghu, pprezentat quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2006, ir-rikorrent ippremetta:-

1. Illi fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u sitta u tmenin (1986) miet Joseph Abdilla (Dok. "A"), missier il-kontendenti, filwaqt li fil-hdax (11) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (2002) mietet Domenica Abdilla (Dok. "B"), omm l-istess kontendenti;

2. Illi l-eredita' tal-imsemmi Joseph Abdilla hija regolata bl-ahhar testment tieghu fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza tal-14 ta' Mejju 1983 (Dok. "C"), li bis-sahha tieghu

huwa halla l-uzufrutt generali ta' gidu kollu lil martu u nnomina b'eredi universali tieghu lit-tliet uliedu (ossia l-kontendenti) f'sehem indaqs bejniethom;

3. Illi l-eredita' ta' Domenica Abdilla hija rregolata bl-ahhar testment taghha fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja tal-10 ta' Novembru 2001 (Dok. "D"), li in forza tieghu hija istitwit b'unika eredi taghha lill-intimata Abdilla, waqt li halliet il-legittima lir-rikorrenti Louis Abdilla u l-intimata Nathalie Camilleri;

4. Illi ghaldaqstant l-esponenti huwa eredi tal-wirt ta' missieru Joseph Abdilla fis-sehem ta' terz (1/3) indiviz, filwaqt li hija dovuta lilu l-legittima mill-wirt ta' ommu Domenica Abdilla;

5. Illi sal-lum ma kienx possibbli li jintlahaq ftehim bejn il-kontendenti dwar il-qasma bejniethom tal-assi ereditarji tal-imsemmija genituri taghhom;

Bl-ispejjez kontra l-intimati ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

U ghalhekk l-istess rikorrent talab bir-rispett illi l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili Joghgobha:

- i) Tillikwida l-assi ereditarji rispettivi tal-genituri taghhom Joseph Abdilla u Domenica Abdilla;
- ii) Tassenja l-assi likwidati ta' Joseph Abdilla fi tlett (3) ishma ta' terza parti (1/3) kull wiehed lill-kontendenti;
- iii) Tillikwida l-legittima dovuta mill-eredita` tal-imsemmija Domenica Abdilla lil esponenti Louis Abdilla;
- iv) Tordna lill-intimata thallas lill-esponenti l-legittima hekk dovuta lilu;
- v) Tinnomina u tahtar, jekk mehtieg, perit ghall-likwidazzjoni, qsim, stimi jew licitazzjoni mehtiega, u
- vi) Tinnomina Nutar Pubbliku tal-att relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci

Illi permezz tar-Risposta Guramentata taghhom ipprezentata fid-9 ta' Awissu 2006, l-intimati Abdilla u Natalizia Camilleri esponew:-

1. Illi l-esponenti jitolbu illi dawn il-proceduri jintbaghtu quddiem Dan it-Tribunal ta' Arbitragg dwar il-Qsim ta' Wirt, dan a tenur tal-Artikolu 9m tal-Kap 308;

2. Illi huma jaqblu mal-fatti kontenuti fil-hames paragrafi numerati tar-rikors mahluf tar-rikorrenti Louis Abdilla;

3. Illi huma ma jopponux ghat-talbiet tar-rikorrenti Louis Abdilla, dejjem pero li l-likwidazzjonijiet u l-assenjazzjonijiet isiru skont il-ligi;

4. Illi l-intimata Maryanne Abdilla taf personalment bil-fatti imsemmija;

5. Salv kull eccezzjoni ohra fi stadju ultejuri li hija premessa mill-ligi;

Illi l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, permezz tad-Digriet Taghha tas-26 ta' Settembru 2006 Ordnat illi l-process tal-kawza jintbaghat lit-Tribunal ta'Arbitragg dwar il-Qsim ta' Wirt sabiex dan it-Tribunal jisma u jiddeciedi l-kawza skont il-ligi.

Illi fil-mori tal-kawza t-Tribunal innomina lill-Perit Arkitett Joseph Ellul Vincenti sabiex jaghmel stima tal-fondi in divizjoni u jhejji pjan ta' qasma. Illi wara li l-Perit Tekniku nominat ipprezenta r-relazzjoni tieghu, il-partijiet ipprezentaw diversi domandi in eskussjoni tal-imsemmi Perit.

Ikkunsidera:

Illi permezz ta' Rikors tal-Perit Ellul Vincenti tal-20 ta' Frar 2015, l-imsemmi Perit Tekniku nominat talab lil Dan it-Tribunal sabiex jaghti direzzjoni dwar mistoqsija C/3 maghmula mil-intimata Abdilla fis-sens segwenti u cioe:

"*stante li bit-testment taghha, tal-10 ta' Novemberu 2001, Domenica Abdilla hasret u irrevokat kull testament li ghamlet qabel, inkluz allura il-parti taghha tat-testment unica charta tal-14 ta' Mejju 1983, naqblu li ma ghandhux ikun hemm it-tnaqqis ta' mija u hamsin elf Ewro (€150,000.00) imsemmi minnek fil-paragrafu tlieta (3) tal-partita li qeda tigi skrutinata?"*

Illi permezz tal-provvediment tieghu tal-10 ta' Lulju 2015, it-Tribunal Ipprovda illi :

"Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jipprovdi fuq ir-Rikors tal-Perit Ellul Vincenti, tal-20 ta' Frar 2015, billi jistabilixxi illi, mill-gardinetta li tinsab Hal-Safi, Irqajja Street, bla numru, l-intimata Nathalie Camilleri irceviet kwantu ghall-kwart indiviz ($1/4^{th}$) mill-legat imholli mill-missier, in virtu tal-Artikolu 4 tat-testment tal-14 ta' Mejju 1983, kif ukoll parti minn tnax ($1/12^{th}$) mill-eredita' tal-missier, in forza tal-klawsola ereditarja li hemm fis-sitt (6) Artikolu tal-istess testament *unica charta.* Minghand l-omm, imbaghad, Nathalie Camilleri tiehu il-legittima fi kwota ta' parti minn disgha ($1/9^{th}$) tan-nofs indiviz tal-omm, u cioe' parti minn tmintax ($1/18^{th}$) tal-intier. Il-Perit Ellul Vincenti ghandu japplika din il-kwota u jaghmel l-aggustamenti necessarji, mhux biss in risposta tal-mistoqsija numru C/3 tal-intimata Abdilla, imma anke jaghmel dawk l-emendi konsegwenzjali, kull fejn jokkorri, fir-relazzjoni tieghu.

L-ispejjez ta' dan il-provvediment jibqghu riservati ghas-sentenza finali."

Ikkunsidera:

Illi t-tragitt li hadet din il-kawza, ghalkemm certament mhux dak ideali, pero' finalment wassal ghal soluzzjoni matura, partikolarment bir-relazzjoni addizzjonali tal-Perit Relatur l-A.& C.E. Joseph Ellul Vincenti fir-relazzjoni ulterjuri minnu ipprezentata fit-18 ta' April 2016.

It-Tribunal ma jistax ma jinnotax ukoll illi l-perkors li hadet din il-kawza ma jistax jinghad li huwa totalment addebitabbli ghall-ewwel relazzjoni tal-Perit Gudizzjarju u infatti jirrizulta li wara l-istess l-ewwel relazzjoni tal-Perit Gudizzjarju ipprezentata fis-6 ta' Settembru 2013, saru numru kbir ta' domandi in eskussjoni mill-partijiet u anki kien hemm il-htiega illi dan it-Tribunal, permezz ta' provvediment moghti fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2015, jaghti direzzjoni ulterjuri dwar il-gardinetta li tinsab Hal-Safi, Triq l-Irqajja.

Illi finalment jidher pero` illi r-relazzjoni ipprezentata mill-Perit Gudizzjarju fit-18 ta' April 2016, u ezattament dik il-parti a fol 5 sa 12 tar-relazzjoni tal-istess Perit Gudizzjarju, il-partijiet illum qed jaqblu maghha u t-Tribunal illum ihossu kkonfortat illi wara d-diversi kwiziti illi ghamlu l-partijiet u d-direzzjoni li taha l-istess Tribunal, issa l-partijiet qeghdin jaqblu dwar kif ghandha tigi spartizzjonata l-proprjeta immobbli u it-Tribunal ihoss li jista jasal ghad-decizjoni tieghu a bazi tal-istess relazzjoni addizzjonali.

Ikkunsidera:

Illi it-Tribunal ser addotta bhala tieghu l-istima u pjan ta distribuzzjoni firr-relazzjoni ulterjuri tal-Perit Gudizzzjarju tat-18 ta' April 2016, u cioe dik il-parti a fol 5 sa 12 tar-relazzjoni u allura qed jipprovdi, jordna u jassenja l-proprjeta immobbli bhala li ghandha tigi spartizzjonata bejn il-partijiet kif qablu l-istess partijiet u cioe kif gej:-

<u>A:</u>

<u>Lista' ta' proprjeta mertu ta' din il-kawza</u>

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Dar numru 8, Triq San George, Safi | | €150,000 |
| 2. | Gardina retroposta ghall-fond 8, Triq San George, Safi | | € 30,000 |
| 3. | Gardina ta' Rqajja, fi Triq Irqajja, Safi | | €600,000 |
| 4. | Razzett bla numru Triq Rqajja, Safi | | €100,000 |
| 5. | Qabar numru 64, fic-Cimiterju Madonna ta' Fatima, Safi | | € 12.000 |
| 6. | Parti minn disgha ta':- | | |
| | i. | Dar 18, Triq San Guzepp Safi | € 12,222 |
| | ii. | Razzett 41, Triq San Pawl, Safi } | |
| | iii. | Bitha 45, Triq San Pawl, Safi } | € 8,888 |
| | iv. | Ghalqa "Tat-Torrijiet", Zurrieq | € 3,000 |
| | v. | Ghalqa "Ta' Ghammar" Zurrieq | € 10,000 |
| | vi. | Porzjonijiet ta art f'Misrah Zerniq, Kirkop | <u>€ 88,888</u> |
| | | Total | €1,014.998 |

<u>B:</u>

Assi ta' Joseph Abdilla

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Tlett kwarti indiviz tad-dar 8, Triq San George, Safi | €112,500 |
| 2. | Nofs indiviz gardina wara 8, Triq San George, Safi | € 15,000 |
| 3. | Nofs indiviz Ghalqa ta' Rqajja, Triq Irqajja, Safi | €300,000 |
| 4. | Razzett fi Triq Irqajja, Safi | €100,000 |
| 5. | Nofs indiviz ta' Qabar, Safi | € 6,000 |
| | Total | €533,500 |

Assi tal-Omm

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Kwart indiviz tal-fond 8, Triq San George, Safi | € 37,500 |
| 2. | Nofs indiviz wara l-fond 8, Triq San George, Safi | € 15,000 |
| 3. | Nofs indiviz tal-ghalqa ta' Rqajja, Triq Irqajja, Safi | €300,000 |
| 4. | Nofs indiviz ta' qabaer 67, Cimiterju, Safi | € 6,000 |
| 5. | Parti minn disgha ta':- | |
| | i. 18, Triq San Guzepp, Safi | € 12,222 |
| | ii. Razzett u bitha 41, 45, Triq San Pawl, Safi | € 8,888 |
| | iii. Ghalqa "Tat-Torrijiet", Zurrieq | € 3,000 |
| | iv. Ghalqa "Ta' Ghammar", Zurrrieq | € 10,000 |
| | v. Erba porzjonijiet ta' art, Misrah iz-Zernieq, Kirkop | € 88,888 |
| | Total | €481,498 |

| | |
|---|---|
| Assi tal-missier | €533,500 |
| Assi tal-omm | €481,498 |
| Total | €1,014,998 |

C:

Valur tal-Wirt tal-Missier

| | | |
|---|---|---|
| Valur tal-assi totali tal-missier | | €533,500 |
| Naqqas il-prelegat ta' Maryanne Abdilla tad-dar 8, St. George's Street, Safi, inkluz il-gardina li ghandu jigi assenjat lilha (112,500+15,000) | €127,500 | |
| Naqqas il-prelegat ta' Nathalie Camilleri, kwart tal-gardina l-Irqajja, Safi li ghandu jigi assenjat lill-istess Nathalie Abdilla | €150,000 | |
| | €277,500 | |

| | | |
|---|---|---|
| Jibqa | | €256,000 |

Valur tal-Wirt tal-Omm

| | | |
|---|---|---|
| Valur tal-assi tal-omm | | €481,498 |
| Naqqas il-prelegat lil Maryanne Abdilla<br>Inkluz il-gnien(37,500+15,000) | €52,500<br>€52,000 | |
| Jibqa | | €428,998 |

D:

Valur Sehem ta' Louis Abdilla

| | |
|---|---|
| 1. Terz wirt tal-missier (1/3 ta' 256,000) | €85,333.33 |
| 2. Wiehed minn disgha tal-assi tal-omm (1/9 ta' 481,498) | €53,499.77 |
| Total | €138,833.10 |

Valur tas-Sehem ta' Nathalie Camilleri

| | |
|---|---|
| 1. Terz wirt tal-missier (1/3 ta' 256,000) | € 85,333.33 |
| 2. Legittima tal-omm (1/9 ta' 481,498) | € 53,499.77 |
| 3. Prelegat tal-missier Kwart ghalqa ta' Rqajja | €150,000.00 |
| Total | €288,833.00 |

Valur tas-Sehem ta' Maryanne Abdilla

| | |
|---|---|
| 1. Terz wirt tal-missier (1/3 ta' 256,000) | € 85,333.33 |
| 2. Prelegat ta' 8, St. George's Street, Safi u l-gardina (150,000+30,000) | €180,000.00 |

| | |
|---|---|
| 3. Il-kumplament tal-wirt tal-omm wara li Jitnaqqsu l-legittima ta' Louis Abdilla u Nathalie Camilleri (428,988-106,998) | €322,000.00 |
| Total | €587,333.00 |

E:

Tqassim tal-Wirt

| | |
|---|---|
| I. Louis Abdilla | Sehem €138.833 |
| 1. Razzett ta' Rqajja, Safi | €100,000 |
| 2. Parti minn disgha ta' 18, Triq San Guzepp, Safi | € 12,222 |
| 3. Parti minn disgha ta' Ghalqa tal-Ghammar, Zurrieq | € 10,000 |
| 4. Nofs indiviz ta' qabar, Safi | € 6,000 |
| 5. Parti minn disgha ta' Razzett u bitha Triq San Pawl, Safi | € 8,888 |
| | €137,110 + |
| Jircievi s-somma darba biss ta €1,723 minghand Nathalie Camilleri | € 1,723 |
| | €138,833 |

| | |
|---|---|
| II. Nathalie Camilleri | Sehem €288,832.77 |
| 1. Il-parti "A" fuq il-pjanta JEV/A annessa mar-Relazzjoni ulterjuri tal-Perit Gudizzjarju tal-25 ta' Marzu 2016 | €228,368.70 |
| 2. Sehem minn disgha (1/9) tal-erba' porzjonijiet ta 'art f'Misrah Iz-Zernieq, Kirkop | €88,888.00 |
| | €317,256.70 - |
| Triq thallas darba wahda biss<br>a) €1,723 lil Louis Abdilla }<br>b) €26,701 lil Maryanne Abdilla } | €28,423.00 |
| | €288,832.77 |

| | |
|---|---|
| III. Maryanne Abdilla | Sehem €587,333.33 |

| | |
|---|---|
| 3. 1. Parti "B" u "C" fuq il-pjanta JEV/A annessa mar-Relazzjoni ulterjuri tal-Perit Gudizzjarju tal-25 ta' Marzu 2016 mill-ghalqa Ta' Rqajja, Safi | €371,632.33 |
| 2. Id-dar bil-gardina 8, St. George's Street, Safi | €180,000.00 |
| 3. Wiehed minn disgha Ghalqa tat-Torrijit | € 3,000.00 |
| 4. Nofs ta' qabar, Safi | € 6,000.00 |
| | €560,838.9 + |
| Tircievi s-somma darba biss ta EUR26,701 minghand Nathalie Camilleri | € 26,701.00 |
| | €587,333.3 |

F:

**Konkluzjonijiet**

| | |
|---|---|
| (1) Valur sehem Louis Abdilla | €138,832.00 |
| (2) Valur sehem Nathalie Camilleri | €288,832.77 |
| (3) Valur sehem Maryanne Abdilla | €587,333.33 |
| Total | €1,014,998.10 |

G:

Jifdal imbaghad kwistjonijiet ancillari bhal lil min jispetta d-dritt tal-kumpens ghall-esproprju minn parti mill-immobbli assenjati lill-partijiet u dik dwar il-mobbli

Illi t-Tribunal jidhirlu illi, gialadarba l-Perit Gudizzjarju, meta ghamel l-istejjem, indika illi s-somma li qed jaghti tinkludi l-parti li gja ttiehdet mill-Gvern izda la sar kumpens fuqha u lanqas ma sar kuntratt, ikun gust u ekwu illi l-kumpens ghandu jigi moghti lil dik il-parti li lilha gie assenjat l-immobbli skont id-divizjoni fuq imsemmija.

Hekk ad ezempju, gialadarba l-attur gie assenjat lilu ir-razzett fi Triq San Pawl, Safi, huwa ghandu wkoll jircievi il-kumpens ghall-esproprjazzjoni li jinghata mill-Gvern ta' parti mir-razzett u l-bitha lilu assenjati. Similment, il-konvenuti ghandhom jippercepixxu l-kumpens fir-rigward tal-gardina fi Triq l-Irqajja, Hal-Safi, u fir-rigward tal-art deskritta bhala Misrah Zernieq, Hal-Kirkop, fl-istess proporzjon illi gie assenjat lilhom fid-divizjoni fuq imsemmija skont lil min misset l-istess divizjoni. Huwa b'dan il-mod illi, fil-fehma tat-Tribunal, jista' jkun gust u ekwu li dan il-kumpens jista' jigi spartizzjonat u assenjat.

Jifdal il-kwistjoni tal-mobbli.

Huwa evidenti li f'din il-kawza il-partijiet ikkoncentraw kwazi esklussivament fuq l-immobbli u taw importanza ferm sekondarja, jekk mhux addirittura negligibbli, ghall-mobbli. Wiehed irid jara ukoll li li skont it-testment tal-missier l-oggetti mobbli kollha inkuz il flus kontanti thallew lill-konvenuta Marianne Abdilla L-attur ipprezenta elenku tal-mobbli inkluz deheb li skont hu kien jezisti fl-eredita`. Ta' min isemmi pero` illi ftit li xejn ikkorrobora jew kien hemm tentattiv ta' prova dwar dan il-mobbli. Il-konvenuta Mary Anne Abdilla tghid illi hafna mill-mobilja xtratha hi u anke ezibit ricevuti benche ta' certu data. Ukoll ferm dibattibbli liema mobbli fadal illum proprjeta tal-ereditajiet. Ghalhekk fic-cirkostanzi mis-somma ta Euro 7512.23 indikata mill-attur rikorrent, tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet fuq imsemmija it-Tribunal jistabbilixxi *arbitrio boni viri* li ghad fadal mobbli tal-tal-eredita fis-somma ta' Euro2500 li jinsabu f'idejn il-konvenuta Mary Anne Abdilla u li allura trid l-istess konvenuta in via ekwivtattiva ghandha tibqa izzomm f'sehma il-mobbli u thallas fi flus in porzjon tal-istess valur taghhom lill-attur u lill-intimata Nathalie Camilleri

Hemm ukoll imbaghad is-sottomissjoni dwar id-deheb li filwaqt li l-attur jelenka hdax-il bicca deheb tal-valur ta' circa tlett elef Ewro (€3,000.00), imkien fl-atti ma ngieb xi prova dwar dawn hlief ghall-konferma tal-attur dwar dan id-deheb. Il-konvenuta Marianne Abdilla, tikkontendi fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2009 illi ommha kienet talbitulha xi zmien qabel mietet; illi hija kienet taghtulha u mbaghad ma tafx x'sar minnu.

Illi dwar id-deheb pero`, it-tribunal isib li ma jistax iqis bhala kredibbli il-verzjoni moghtija mill-konvenuta Marianne Abdilla u cioe` li b'mod pjuttost legger, tirrikonoxxi li kien hemm id-deheb li jsemmi l-attur fl-azzjoni attrici ghal-valur ta' EUR3,098.00 pero tghid li din taghtu lill-ommha xi zmien qabel il-mewt u ma tafx x'sar minnu. Dan f'retroxena li hija kienet tghix ma ommha u ghalhekk ma jhossx it-Tribunal li jista' jaghti konfort ghal din il-parti tax-xiehda tal-konvenuta Marianne Abdilla u ser jipprovdi li dan id-deheb li qed jillikwida *arbitrio ben vivi* fis-somma ta' EUR3,000.00 ghadu fil-puseess ta' MaryAnne Abdilla u ser jipprovi ghal somma ohra in via ta ekwita li ghandhom jippercepixxu hutha l-Attur u l-Konvenuta Nathalie Camilleri..

Rigward il-flejjes depozitati l-bank, l-eredi Marianne Abdilla ssosstni illi mis-somma ta' EUR2,867.27 li kienu jinstabu f'isem omm il-kontendenti fil-gurnata ta' mewtha, ghandhom jitnaqqsu minnhom is-somma tal-ispejjez tal-funeral ta' EUR370.00 u flus li gew ritornati lill-Gvern bhala pensjoni zejda. It-Tribunal iqis pero` li ma saret l-ebda prova li dawn il-flejjes thallsu mill-konvenuta Marianne Abdilla. Iqis ukoll li Marianne Abdilla ma tghid xejn dwar xi flejjes kontanti li seta' kien hemm fid-dar fid-data tal-mewt kif ukoll flejjes li setghet fdat ghandha ommha qabel ma mietet, u ghalhekk iqis li ma ghandhiex issir din ir-riduzzjoni u jaqsam u ghandu jitqies illi fid-data tal-mewt, kien hemm is-somma ta' EUR2,867.27 li kellha omm il-kontendenti li jridu jigu divizi skont it-testmenti.

Illi, *via discorrendo*, it-Tribunal jaghmel ukoll riferenza ghat-talba ghall-imghax ai termini tal-Artikolu 615 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta maghmula mill-konvenuta Nathalie Camilleri u jqis illi, gialadarba din il-kawza saret aktar minn sentejn wara l-mewt tal-genituri tal-kontendenti u ma gie pprezentat ebda att gudizzjarju, it-talba ghall-

imghax, minkejja dak provdut fl-Artiklu 728 tal-Kodici Civili, ma tistax tintlaqa' u dan stante il-principju *in illiquidae non fit mora*. Huwa biss bis-sentenza ta' dan it-Tribunal li tali somma ser issir likwida u certa fit-termini tal-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal Jaqta u Jiddeciedi din il-kawza billi:-

1.A: Jiddividi u Jassenja l-beni immobbli bejn il-kontendenti kif gej u cioe`

Tqassim tal-Wirt

| | | |
|---|---|---|
| I. | Louis Abdilla | Sehem €138.833 |
| | 1. Razzett ta' Rqajja, Safi | €100,000 |
| | 2. Sehem minn disgha (1/9) ta' 18, Triq San Guzepp, Safi | € 12,222 |
| | 3. Sehem minn disgha (1/9) ta' Ghalqa tal-Ghammar, Zurrieq | € 10,000 |
| | 4. Nofs (1/2)indiviz ta' qabar, Safi | € 6,000 |
| | 5. Sehem minn disgha (1/9) ta' Razzett u bitha Triq San Pawl, Safi | € 8,888 |
| | | €137,110 + |
| | l-istess Rikorrenti ghandu ukol jircievi s-somma darba biss ta €1,723 minghand l-intimata Nathalie Camilleri | € 1,723 |
| | | €138,833 |
| II. | Nathalie Camilleri | Sehem €288,832.77 |
| | Il-parti "A" fuq il-pjanta JEV/A mill-ghalqa "ta Rqajja, Safi annessa mar-Relazzjoni ulterjuri tal-Perit Gudizzjarju tal-25 ta' Marzu 2016 | €228,368.70 |
| | 4. Sehem wiehed minn disgha (1/9) ta' tal-erba' porzjonijiet ta 'art f'Misrah Iz-Zernieq, Kirkop | €88,888.00 |
| | | €317,256.70 - |

L-istess intimata Nathalie Camilleri
trid thallas, ghal darba wahda biss,
a) €1,723 lil Louis Abdilla, u }
b) €26,701 lil Maryanne Abdilla } €28,423.00
€288,832.77

III. Maryanne Abdilla Sehem €587,333.33

1. Il-partijiet indikati "B" u "C" fuq il-pjanta JEV/A mill-ghalqa Ta' Rqajja, Safi, Annessa mar-Relazzjoni ulterjuri al-Perit Gudizzjarju tal-25 ta' Marzu 2016 €371,632.30
2. Id-dar bil-gardina 8, St. George's Street, Safi €180,000.00
3. Sehem wiehed minn disgha (1/9) tal- Ghalqa tat-Torrijiet € 3,000.00
4. Nofs (1/2) indiviz tal- qabar, Safi € 6,000.00
€560,838.9 +

U Tircievi s-somma, ghal darba wahda biss, ta' EUR26,701 minghand Nathalie Camilleri
€ 26,701.00
€587,333.3

1. B:. Fir-rigward ta' artijiet esproprjati, jiddeciedi li kull wiehed mill-attur rikorrent u l-konvenuti intimati ghandhom jippercepixxu mill-Gvern ta' Malta ghall-esproprazzjoni tal-istess art annessa mal-immobbli assenjata rispettivament lil dak il-kondividend l-kumpens dovut ghall-artijiet esproprjati annessi – u cioe li kienu jifformaw parti mal-immobbli fuq imsemmija, skont l-immobbli li kull parti rcieva u ghalhekk, kull kondividend ghandu jippercepixxi l-kumpens dovuti li kien jifforma parti mill-immobbli li gie lilu assenjat u fl-istess proporzjon lilu assenjata skont din id-divizjoni, minbarra l-ekwipararazzjonijeit imsemmija fil-paragrafu wiehed ta' din is-Sentenza

2.A Dwar il-mobbli, jistabillixxi *arbitrio boni viri* li fid-data tal-mewt tal-konjugi, minbarra id-deheb u flus kontanti kien ghad fadal mobbli fis-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro ( Eur2500) u ghalhekk it-Tribunal qed jikkundanna lill-konvenuta MaryAnne Abdilla li, filwaqt li ghandha izzomm f'sehma bhala taghha fi proprjeta l-istess mobbli, thallas lill-attur u lill-intimata Nathalie Camilleri kull wiehed u wahda minnhom,sehem minn tmintax il-sehem (1/18) bhala il- portio legittima tal-istess mill-wirt tal-omm u allura illi thallas lill attur rikorrent u lill-konvenuta intimata Nathalie Camilleri,' is-somma ta' mija u erbghin Ewro (Euro140) taht dan il-kap.

2.B: Dwar id-deheb jiddeciedi li, fid-data tal-mewt tas-superstiti Domenica Abdilla, kien jezisti deheb tal-valur ta' tlett elef Ewro (€3,000.00) u ghalhekk Jikkundanna lil Maryanne Abdilla thallas lil Louis Abdilla erba' parti minn tmintax (4/18) mill-

imsemmija somma ta' tlett elef Ewro u parti minn tmintax (4/18) ohra mill-imsemmija somma ta' tlett elef Ewro lil Nathalie Abdilla u cioe is-somma ta sitt mija u sebgha u sittin Ewro (Eur667) lil kull wiehed u wahda minnhom, taht dan il-kap.

2.C: Jistabillixxi illi fid-data tal-mewt ta' Domenica Abdilla, il-flus kontanti li ghandhom jinqasmu huma ta' EUR2,867.27. Il-legittima dovut hija ta' wiehed minn disgha (1/9) u ghalhekk il-konvenuta Maryanne Abdilla filwaqt li zzomm f'sehma din is-somma , ghandha thallas lill-attur Louis Abdilla u lill-konvenuta Nathalie Abdilla, sehem minn disgha (1/9) mis-somma ta' EUR2,867.27 u cioe is-somma ta' tlett mija u tmintax-il Euro (Eur318) u qed tikkundanna ghalhekk lill-istess konvenuta MaryAnne Abdilla thallas dawn is-sommom lil attur rikorrent u lill-konvenuta intimate Nathalie Camilleri, taht dan il-kap.

3.Jinnomina lin-Nutar Dottor Luca Burlo' sabiex jippubblika l-Att Pubbliku relattiv ta' divizjoni u assenjazzjoni u lill-Avukat Dottor Anna Mifsud Bonnici sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci.

4. Jordna li l-Att Pubbliku relattiv ta' divizijoni u assenjazzjoni ghandu jsir fl-edificcju tal-Qrati Superjuri nhar il-Gimgha 20 ta' Novembru 2020 f'nofsinhar.

L-ispejjez kollha tal-kawza u tal-Att Pubbliku ghandhom jithallsu, kwantu ghal nofs mill-konvenuta intimata Maryanne Abdilla u kwantu ghall-kwart kull wiehed mill-attur rikorrent Louis Abdilla u mill-konvenuta intimate Nathalie Camilleri u it-tribunal qed jikkundanna lill-partijiet ihallsu l-ispejjes tal-kawza f'dawn il-kwoti.

Dominic A. Cassar s2773r